

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

*Kumitat għall-Petizzjonijiet*

21.09.2007

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

Subject: Petizzjoni 0018/2007 mressqa mis-Sinjura Isabel Fernandez Sanchez (Spanjola), f'isem l-*Amigos de la Canadas*, dwar l-impatt negattiv ta' proġett li għandu x'jaqsam mar-riġenerazzjoni tax-xatt tat-tramuntana fil-Peníscola (Castelón, Valenzia) fuq Marjal o Prat, li hija żona protetta taħt Natura 2000

### 1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonanta tqis li hemm ir-riskju li l-pjanijiet ta' l-awtoritajiet lokali ta' Peníscola li x-xatt tat-tramuntana jiġi restawrat jista' jkollhom impatt ta' detriment fuq Marjal o Prat li hija żona mħarsa taħt Natura 2000. Skond il-petizzjonanta, il-pjan, li jibbenefika minn fondi ta' l-UE taħt il-Fond ta' Koeżjoni, jipprovdi għall-bini ta' triq ġdida fuq barra ta' din iż-żona umda u fih hemm maħsub li jitnixxfu minn 5 sa 10 metri fuq in-naħa ta' ġewwa tagħha. Il-petizzjonanta turi li ż-żona umda nfisha bbenefikat minn fondi ta' l-UE taħt il-programm Life u ssostni li d-Direttivi 97/62 u 79/409 ta' l-UE se jinkisru. Il-petizzjonanta tqis li hemm kontradizzjoni fir-rigward ta' l-użu tal-fondi Ewropej u titlob lill-Parlament Ewropew biex jistħarreġ is-sitwazzjoni.

### 2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli nhar is-16 ta' Mejju 2007. Informazzjoni mitluba mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 192(4).

### 3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet nhar il-21 ta' Settembru 2007.

Sfond

Peñíscola hija muniċipalità kostali li tinsab fil-kosta tal-Mediterran fir-reġjun ta' Valencia. Il-petizzjonanta tikkunsidra li l-pjanijiet ta' l-awtoritajiet lokali biex jirrestawraw il-bajja tat-tramuntana se jaffettwaw żona protetta inkluża fin-netwerk ta' Natura 2000, jiġifieri s-Sit ta' Importanza għall-Komunità ES5222002 *Marjal de Peníscola*, adottat skond id-

disposizzjonijiet tad-Direttiva 92/43/KEE dwar il-Habitat.<sup>1</sup>

#### Kummenti mill-Kummissjoni dwar il-Petizzjoni

Jekk ikun probabbli li proġett ikollu impatt negattiv sinifikanti fuq sit bħal dan, għandha ssir valutazzjoni skond l-Artikoli 6.3 u 6.4 tad-Direttiva 92/43/KEE dwar il-Habitat. Fuq il-bażi tal-konklużjonijiet ta' valutazzjoni bħal din, l-awtoritajiet kompetenti għandhom japprovaw il-pjan u l-proġett biss wara li jkunu żguraw li dan mhux se jgħaddi b' mod ħażin l-integrità tas-sit. Fil-każ ta' valutazzjoni negattiva, il-pjan u l-proġett għandhom jiġu attwati biss fin-nuqqas ta' soluzzjonijiet alternattivi, għal raġunijiet ta' interess pubbliku importanti ħafna u għandhom jieħdu l-miżuri kompensatorji neċessarji kollha sabiex ikun żgurat li l-koerenza ġenerali ta' Natura 2000 tkun protetta.

Il-Kummissjoni kienet taf bil-pjan propost hawn fuq u fetħet ilment (Nru 98/4104) sabiex tinvestiga l-effetti potenzjali fuq din iż-żona naturali. Il-pjan analizzat inkluda ir-riġenerazzjoni tal-bajja tat-tramuntana ta' Peñíscola, l-iżvilupp idrawliku tal-kanal "*Acequia de la Segonera*" u l-bini ta' triq urbana ġdida, 'l hekk imsejħa "*vjal NI*". Wara l-analiżi ta' dan il-każ, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-awtoritajiet Spanjoli ħadu l-miżuri neċessarji f'dan il-każ sabiex jiġu konformi mal-liġi tal-Komunità u għalhekk għalqet l-ilment.

L-aħħar informazzjoni riċevuta fuq dan il-każ ma tipprovdi indikazzjoni addizzjonali sabiex tidentifika ksur possibbli tal-liġi tal-Komunità wara l-għeluq ta' l-ilment. Għalhekk il-Kummissjoni tikkunsidra li l-argumenti magħmula mill-petizzjonanta kienu diġà ġew eżaminati fil-kuntest ta' l-ilment imsemmi.

#### Konklużjonijiet

Il-Kummissjoni diġà studjat il-każ imqajjem mill-petizzjonanta dwar l-allegati effetti negattivi ta' l-iżvilupp ta' diversi proġetti fuq is-Sit ta' Importanza għall-Komunità ES5222002 Marjal de Peñíscola.

Fuq il-bażi ta' l-informazzjoni disponibbli, il-Kummissjoni m'għandha l-ebda evidenza li l-proġett imsemmi jwassal għal impatti negattivi sinifikanti fuq l-istat ta' konservazzjoni tal-karatteristiċi li għalihom dan is-sit ġie kklassifikat bħala sit ta' Natura 2000.

Il-Kummissjoni m'għandha l-ebda indikazzjoni li qed tinkiser il-liġi tal-Komunità u għalhekk m'għandhiex intenzjoni li tiegħu aktar azzjoni.

---

<sup>1</sup> ĠU L 206, tat-22.7.1992